MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru. 127/2003

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Gatt ta' 23 sena iben Alfred u Rita nee' Azzopardi, mwieled Mtarfa fis-17 ta' Frar 1977 u residenti Mayfair Flats, Flat 3, Pioneer Street Buġibba, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 153677(M).

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra

awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Settembru 2002, l-istqarrija ta' l-imputat magħmula fit-8 ta' Dicembru 1999 (fol 4 u 5); il-verbal li fih l-ispettur Josric Mifsud ppreżenta Lm199 ġo envelope ssigillat, sikkina jew mus ġo envelope kannella, diary tas-sena 1999, organiser, pakkett tabakk u diary żgħir u mobile phone Nokia; il-kopja tal-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Raymond Christie' a fol 30 li kien mmarkat bhala Dok CA; is-sentenza ppreżentata mill-avukat difensur Dr. Joe Brincat bl-isem 'Pulizija vs Pierre Gravina tas-26 ta' Mejju 2003 (Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Il-fatti fil-qosor skond ix-xhieda ta’ l-ispettur Josric Mifsud huma dawn

Fit-8 ta’ Diċembru 1999, il-pulizija kienu marru jagħmlu tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat iżda din kienet negattiva għax ma nstabitx droga. L-imputat kien ttieħed id-depot fejn hu ammetta l-użu tad-droga. Pero’ qatt ma ammetta l-bejgħ tad-droga.

<u>L-istqarrija ta’ l-imputat</u>

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat meta kien mistoqsi x’kienu qed jagħmlu fuqu Lm199, huwa qal illi LM100 minnhom kienu tiegħu u l-oħrajn kienet tagħthomlu ommu għall-kera. Il-flus kienu fuqu għax kien sejjer iħallas il-kera ġewwa Ħaż Żebbuġ u kienet tagħlaq dak il-jum. Huwa nnega li kien ibiegħ xi droga. Meta kien mistoqsi jekk qattx għamel użu minn xi droga, l-imputat għażel li ma jweġibx id-domanda.

Skond ix-xhieda ta’ PC 246 Vincent Cesare, fit-8 ta’ Diċembru 1999, il-pulizija kienet qed tagħmel osservazzjoni għal Mayfair Flats ġewwa Pioneer Road Buġibba. Kienu raw il-persuna ta’ Joseph Christie dieħla u ħierġa u fuqu kellu LM70 fi flus u siringa ġdida. Dan Joseph Christie qal li kien mar hemm hekk biex jixtri d-droga eroina iżda l-imputat kien qallu li ma kellux. Imbgħad kien qal li mar il-jum ta’ qabel għand l-imputat u ħallas LM10 għal pakkett eroina. Lill-imputat fil-karozza kienu sabulu Lm199. Mill-flat tiegħu kienu elevati diary, desk diary, pocket diary, pakkett tar-Rizla blu kbir u pakkett tabakk tal-brim Golden Virginia. Mill-wallet kienu ħadu Lm5 u Lm20.

Meta l-ispettur Josric Mifsud reġa xehed u qal li kien qed jippreżenta affarijiet relatati ma l-użu tad-droga. Huwa ppreżenta wkoll il-LM199 li kienu sekwestrati. Huwa ppreżenta wkoll diary li kien fih xi kontijiet tas-sena 1999 u diary pocket organiser flimkien ma tabakk u diary ieħor imqatta'. Mistoqsi mill-avukat difensur jekk sabux xi ħaġa fit-tabakk, huwa qal li ma kien jidher li sabu xejn.

Il-prosekuzzjoni ppreżentat ukoll il-proċess 'Spettur Josric Mifsud vs Joseph Raymond Christie'. F'dan il-process tassew illi hemm stqarrija ta' Joseph Raymond Christie tat-8 ta' Diċembru 1999 iżda dik l-istqarrija ma jidhirx li kienet ġuramentata iżda biss kienet ppreżentata fil-proċess. Fl-istess stqarrija, Joseph Christie jgħid illi kien xtara mingħand l-imputat anke darbtejn fil-gimgħa u f'mument minnhom jgħid li kien xtara l-jum ta' qabel pakkett smack għall-prezz ta' LM10. (fol 36).

Id-difiża ma ġabitx provi.

<u>Trattazzjoni</u>

Fit-trattazzjoni, l-abbli prosektur ssottometta li kien ser joqgħod fuq il-fatti waqt illi d-difensur ta' l-imputat ppreżenta is-sentenza 'Pulizija vs Pierre Gravina' tas-26 ta' Mejju 2003.

Il-punt ewlieni li enfasizzat id-difiza kien li l-prosekuzzjoni naqqset li ġġib lill-persuna li għamlet dik id-dikjarazzjoni sabiex tkun kontro-eżaminata. Ukoll jekk dik il-persuna tkun mietet, iċ-ċans għal kontro eżami ikun intilef.

Fil-fatt fis-sentenza illi kienet ppreżentata mid-difiza a fol 3, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

'L-ewwel sentenza taħt l-Artikolu 30A tal-Kap 101 tagħmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess kodiċi. Minn dan isegwi li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid tagħmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi

Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li min ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġab fil-Qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontro eżaminah dwaru'

Id-difiza ssottomettiet illi ġaladarba min għamel dik id-dikjarazzjoni ma nġabx quddiem il-Qorti, allura hi qatt ma kellha ċ-ċans għal kontro eżami għax il-persuna hija mejta. U għal hekk hemm element importanti fil-mozzjoni ta' proċess xieraq illi huwa nieqes.

Il-Qorti pero ser tmur oltre. L-istqarrija ppreżentata fil-process 'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Raymond Christie' mhix waħda ġuramentata iżda sempliċiment wahda li saret quddiem il-pulizija u qatt il-mejjet ma kien kkonferma din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Lanqas ma hija stqarrija li l-mejjet kien għamel waqt dawn il-proċeduri stess. Hija sempliciment stqarrija minn dawk li jkunu ppreżentati fil-proċeduri kollha meta tkun ttieħdet waħda waqt l-investigazzjoni.

Skond l-Artikolu 661 tal-Kap 9, 'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għall-ebda persuna oħra.'

Qal x'qal Joseph Raymond Christie meta kien għand il-pulizija, jekk huwa semma lill-imputat, ma jfissirx li dak li qal hemm hekk jista' jinġab bħala prova kontra l-imputat. Il-prova prinċipali li kellha l-prosekuzzjoni f'dan il-każ ma hija prova xejn u għal hekk ma hemm ebda evidenza illi l-imputat kien b'xi mod jew ieħor ttraffika d-droga fit-8 ta' Diċembru 1999 u fit-tliet xhur ta' qabel dik id-data.

Dwar il-pussess, il-Qorti ssib illi lanqas dan ma kien ppruvat għaliex waqt illi il-prosekuzzjoni ppreżentat xi affarijiet bħal sikkina, diary, organiser, diary imqatta', mobile phone u flus, minn dawn l-esebiti imkien fil-proċess ma hemm xi prova illi twassal biex l-imputat ikun marbut ma l-ewwel imputazzjoni jew mat-tieni imputazzjoni.

Lanqas l-istqarrija stess ta’ l-imputat għand il-pulizija ma turi li huwa kien ammetta il-pussess tad-droga  għax huwa kien għazel li ma jweġibx għal dik id-domanda.  Il-presenza ta’ LM199 għand l-imputat mhix prova biżżejjed biex twassal għal xi konklużjoni li l-imputat kien qieghed jispaċċja d-droga jew li kellu l-pussess tad-droga.  L-imputat ta spjegazzjoni  ta’ x’kienu dawk il-LM199 u għal hekk fuq bażi ta’ probabbilta’ huwa rnexxielu jipprova illi ma kienx qed jispaċċja d-droga.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi l-imputat la forna d-droga u lanqas kien fil-pussess tagħha.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 9, ssib li ma hemm ebda prova li l-imputat kien fil-pussess tad-droga jew li fornieha u għal hekk qed teħislu miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.  Il-Qorti tordna li l-Lm199 jingħataw lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------